MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 532/2004

Avviz Nru 532/04DM

Deloitte & Touche

Vs

Scicpol Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma kapitali ta’ elf, sebgha mija u sebgha u tletin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,737.70) dovuta mill-31 ta’ Lulju, 2003, u rappresentanti servizzi professjonali rezi lis-socjeta’ konvenuta flimkien ma’ taxxa fuq il-valur mizjud u spejjez relatati, dan kollu skond kif jidher minn fattura li kopja taghha giet annessa ma’ l-Avviz u mmarkata bhala dokument bl-ittra ‘A’.

Bl-ispejjes tal-prezenti u ta’ l-ittra nterpellatorja datata 20 ta’ Mejju, 2004, u bl-imghaxijiet mid-data ta’ hrug tal-fattura indikata sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la deheru biex jikkontestaw it-talba attrici, u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum sabiex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni;

Rat in-nota tal-kumpanija attrici illi permezz taghha hija rriduciet is-sorte bis-somma ta’ tlett mija u sebgha u tletin lira Maltin (Lm337) stante pagament fil-mori tal-kawza ta’ dan l-ammont, u zammet ferm it-talba taghha ghall-bilanc ta’ elf u erba’ mitt lira Maltin (Lm1,400);

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa’ it-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ elf u erba’ mitt lira Maltin (Lm1,400) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mill-31 ta’ Lulju, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------